# Informazzjoni dwar is-sikurezza

## Informazzjoni dwar is-sikurezza fl-użu tal-abrażivi tal-kumpanija sia Abrasives

L-użu skorrett tal-abrażivi huwa perikoluż u jista' jikkawża korrimenti. Jista' wkoll ikun hemm perikli mit-trab, il-frak u/jew il-frak abrażiv jew minħabba abrażivi li jinkisru u possibilment itiru waqt li jkunu qed iduru. Hemm periklu wkoll jekk l-utent imiss l-abrażiv waqt li jkun qed jitħaddem, kif ukoll mill-ħsejjes, il-vibrazzjoni, u kull użu skorrett jew nuqqas ta' tagħmir protettiv personali. Hemm ukoll il-possibilità ta' xokk elettriku minħabba akkumulazzjoni ta' karika elettrostatika u riskju ta' ħruq jew splużjoni kkawżati minn frak, trab u xrar.

Għaldaqstant, għandu jiġi analizzat ir-riskju marbut ma' kull proċess abrażiv, u b'mod partikolari

- għandhom jiġu osservati l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-manifattur tal-makkinarju u tal-abrażivi.
- għandu jintuża t-tagħmir kollu tas-sikurezza u tal-protezzjoni provist mill-manifattur tal-makkinarju.
- l-ebda operazzjoni abrażiva m'għandha titwettaq mingħajr tagħmir protettiv adegwat. Fil-każ tal-angle grinders b'veloċità ta' operazzjoni > 63 m/s, l-użu ta' gards huwa assolutament neċessarju.
- għandha tiġi eżaminata l-adegwatezza tal-abrażiv għall-applikazzjoni speċifika. Għall-ixkatlar bl-ilma għandu jintuża biss prodott speċifikament maħsub għal dan l-għan.
- il-makkinarju u l-abrażivi għandhom jitħaddmu biss minn persunal ikkwalifikat u mħarreġ adegwatament.
- għandu jintlibes it-tagħmir protettiv personali adegwat skont l-applikazzjoni speċifika (ingwanti protettivi, nuċċali protettiv, maskra sħiħa għall-wiċċ, maskra tan-nifs, protezzjoni tal-widnejn, fardal tal-ġilda, żarbun tas-sikurezza). Ix-xagħar twil għandu jinġabar lura, u m'għandhomx jintlibsu ħwejjeġ li ma jiffittjawx il-persuna sew jew ġojjelli.
- għandha tintuża sistema ta' estrazzjoni.
- l-abrażivi għandhom jinġarru, jinħażnu u jiġu armati b'attenzjoni xierqa. M'għandhomx jintużaw abrażivi li tkun saritilhom il-ħsara waqt ix-xogħol.
- għandu jiġi eżaminat l-armar korrett tal-abrażivi; l-abrażivi tondi għandhom dejjem jiġu armati ċċentrati sew, u għandhom jitħaddmu biss b'pad protettiva adegwata taħthom. L-abrażivi attrezzati biex jeħlu jew minnhom infishom jew bil-velkro għandhom jiġu ppressati sew mal-wiċċ tal-kuntatt kollu kemm hu. Iċ-ċinturini li fihom vleġġa li turi d-direzzjoni korretta tat-tħaddim għandhom jiġu armati skont din il-vleġġa.
- mill-ambjent fejn jitħaddmu l-abrażivi għandu jitneħħa kull materjal infjammabbli. Għandhom jiġu evitati jew imnaqqsa l-akkumulazzjonijiet elettrostatiċi.
- m'għandhiex tinqabeż il-veloċità massima tat-tħaddim. Wara li jintrama, abrażiv għandu l-ewwel jitħaddem bi prova. L-abrażiv m'għandux jitgħawweġ waqt il-qtugħ. Il-makkinarju abrażiv miżmum fl-idejn għandu jisserraħ biss wara li jkun waqaf idur jew jaħdem għalkollox.
- Ir-rimi tal-abrażivi għandu jsir kif irregolat mid-dispożizzjonijiet lokali.